MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 203/2014

Il-Pulizja

Spettur Sarah Magri

Vs

Joseph Vella

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Vella, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 609247M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-27 ta' Dicembru, 2013 u fil-granet u x-xhur ta' qabel din id-data gewwa Tal-Lunzjata, limiti tar-Rabat, Malta:

1) Bla hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita li jippretendi li ghandu gieghel b'awtorita' tieghu innifsu lil Carmela

Camenzuli thallas dejn jew tezegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Carmela Camenzuli fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg ta' Carmela Camenzuli.

2) U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati datati 26 ta' Ottubru, 2011 u 23 ta' April, 2013 mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. u mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta' Jannar, 2013 mill-Imhallef Dr. L. Quintano LL.D. u dan ai termini tal-artikoli 49 u 59 tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tornda lil imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-6 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, u cioe' artikoli 49, 50 u 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill imputat Joseph Vella hati tal-akkuzi u kkundannatu multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250).

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti stante li ma gie nominat l-ebda espert f'din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti

i) Tirriforma u tibdel is-sentenza appellata billi filwaqt li thassar u tirrevoka dik il-parti fejn sabet htija tal-appellant, tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Onorabbli Qoti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjuoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti stante li ma gie nominat l-ebda espert fil-kawza u

ii) Konsegwentement tilliberah minn kull piena inflitta fuqu jew alternattivament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija, tirriformaha l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena nflitta hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-ewwel Qorti, erronjament ibbazat is-sentenza taghha fuq dak li xehdet il-kwerelanta Carmela Camenzuli. L-aggravju jikkonsisti fin-nuqqas ta' kreddibilita' u l-inverosimiljanza

tax-xhieda tal-prosekuzzjoni specjalment dik tal-kwerelanta Carmela Camenzuli meta tghid li ilha tahdem ir-raba in kwistjoni ghal erbghin sena flimkien mal-genituri taghha u li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija kienet hartet l-ghalqa u wara sabet illi din l-istess art giet mahruta mill-gdid u mizrugha minn terza persuna. Liema verzjoni giet kontradetta mill-appellant li xhed that gurament li ilu snin twal fil-pussess tar-raba in kwistjoni fil-fatt ghal dawn l-ahhar erbghin sena u li Carmela Camenzuli qatt ma hadmet l-art kuntrarjament ghal dak li xehdet l-istess Carmela Camenzuli.

Illi t-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li mill-provi mressqa ma jissusstux l-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat ta' ragion fattasi stante li ma jirrizultax l-att estern fejn l-appellant spolja lil terz minn haga li kien qed igawdi konttra l-oppozizzjoni espresso jew prezunta ta' dak it-terz. Meta xehed l-imputat fis- (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u spjega li kien ilu jahdem l-art ghal dawn l-ahhar erbghin sena u li ohtu l-kwerelanta Carmela Camenzuli gidbet fix-xhieda taghha ghaliex hija qatt ma hadmet l-art mal-genituri taghhom, l-Onroabbli Qorti tal-ewwel stanza kkonkludiet li l-esponent appellant tixkel lil kwerelanta fil-pacifiku pussess taghha tar-raba. Izda l-fatt hu li oht l-imputat jigifieri l-kwerelanta Carmela Camenzuli qatt ma kellha il-pussess materjali tar-raba', liema pussess kien ilu snin shah madwar erbghin sena f'idjen l-imputat. Il-punt u fatt kricjali fil-kaz odjern jibqa' li hemm in-nuqqas taotali tal-prova li l-imputat fixkel lil xi had fil-pussess ta' hwejjeg li xi haddiehor ikun qed igawdi tant li jekk hemnm xi had li qieghed jigi mfixkel fil-pussess tar-raba huwa propju l-appellant. L-esponent ma ghamel ebda att estern li spolja lil xi haddiehor li kien qed igawdi r-raba', b'hekk element kostitutiv tar-reat adebitat, u cioe' l-att estern li jispolja lil xi haddiehor, huwa mankanti ghal-kollox. Dan anke stante li t-talba gthall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izzomm lill-esponenti milli jkompli jahdem ir-raba u jidhol fir-raba in kwistjoni fl-ismijiet 'Carmen Camenzuli kontra Joseph Vella' bin-numru 1512/2013/1 kien gie michud mill-Onorabbli Imhallef Joseph Zammit McKeon fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif ukoll kemm procedure pendent quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti bejn il-kontendenti jigifieri l-appellant esponent u Carmela Camenzuli dwar it-titolu u d-dritt ta' pussess tal-art in kwistjoni. Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qatt ma setghet ragonevolment u legalment issib lill-esponent hat ital-akkuza migjbua kontrih stante li l-kwerelanta Carmela Camenzuli qatt ma kellha l-pussess materjali tar-raba.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsistit f'li l-piena inflitta fuq l-appellant hija wahda manifestament eccessiva fic-cirkostanzi stante li l-proviso tal-artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistabilixxix il-minimu u l-massimu tal-piena ta' multa li tista' tigi nflitta izda issemmi biss multa. Fuq analizi tal-ewwel taqsima tal-ewwel ktieb tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li l-Onorabbli Qorti ghandha diskrezzjoni li tiddeciedi liema piena hija ekwa tentut kont tac-cirkostanzi. L-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li f'kaz ta' htija ta' recidiva, l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna lill-imputat ghal 'piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita' ghal dak id-delitt l-iehor'. Ghaldaqstant fuq analizi tal-artikolu

49, 50 u 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti kellha tieghu fil-kunsiderazzjoni l-provi prodotti u c-cirkostanzi kollha meta kkundannat l-appellant ihallas il-multa. Illi ghalkemm l-prosekuzzjoni talbet lill-Onorabbli Qorit sabiex f'kaz ta' htija tordna lill imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma giex nominat l-ebda espert fil-kawza u ghaldaqstant meta wiehed jikkunsidra kemm l-akkuza tar-ragion fattasi kif ukoll l-akkuza tar-recidiva, il-piena ta' multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) hija eccessiva fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Joseph Vella huwa hu l-kwerelanta Carmela Camenzuli. F'xi zmien il-genituri taghhom kienu jahdmu ghelieqi fil-limiti tal-Lunzjata, ir-Rabat. Wara illi dawn mietu l-ghelieqi bdew jinhadmu mit-tfal taghhom. Joseph Vella l-appellant jghid illi kien ilu jahdem ir-raba' ghal erbghin sena l-ewwel mal-genituri taghhom, imbaghad wara li marad missieru fl-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) kompla jahdem ir-raba' u jmur ihallas il-qbiela hu ghan-nom ta' ommu. Il-kwerelanta min-naha l-ohra tghid illi din il-bicca raba' hija mqabbla ghandha minn Joint Office u hija registrata ghandha u ilha hekk erba' snin. Thallas il-qbiela hi. L-ghalqa tinhadem u qabel il-Milied tal-elfejn u tlettax (2013) hartet l-ghalqa u zerghetha. Izda fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru dahal fiha l-appellant, haratha u qala' kulma ghamlet Carmela Camenzuli. Marret l-ghassa taghmel rapport u l-pulizija qalulha illi kien l-appellant illi harat l-ghalqa. Il-kwerelanta Carmela Camenzuli tghid illi f'xi zmien ommha kienet kienet kitbet sehemha mill-ghalqa lill-appellant però irtirat din il-koncessjoni u ghaddietha favur bintha Carmela Camenzuli. Bdiet thallas il-qbiela mill-elfejn u hdax (2011) u qabel dan, bejn l-elfejn u erbgha (2004) u l-elfejn u hdax (2011) kienet thallas ommha. Ommha issa ilha xi sena u nofs mejta. Il-kwerelanta tikkonferma illi bejnha u bejn l-appellant hemm proceduri civili rigward it-titolu ta' din l-ghalqa. A fol 11 ta' dawn l-atti hemm esebita ricevuta mahruga mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern favur Carmen Camenzuli ghall-ghalqa Irdum tal-Lunzjata, kuntrada tal-Lunzjata, Rabat, Malta.

L-appellant xehed f'dawn l-atti u qal illi huwa ilu jahdem din ir-raba' ghal madwar erbghin sena flimkien mal-genituri tieghu. Kien ihallas il-qbiela hu ghan-nom tal-genituri tieghu. Jaf illi kienet tohrog ircevuta fuq ommu u huh Anthony, però issa l-ircevuta qieghda fuq ohtu l-kwerelanta biss. M'ghandux dokumenti x'juri t-titolu tieghu fuq l-art u jikkonferma illi d-dokument mill-Joint Office jghajjat lil ohtu l-kwerelanta Carmela Camenzuli.

B'sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju 2014 (fol 36) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet mibjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250). L-appellant hassu aggravat minn din is-

sentenza u minnha interpona appell fejn l-ewwel aggravju tieghu jirrigwarda n-nuqqas ta' kredibilità tal-kwerelanta Carmela Camenzuli, it-tieni illi ma jissussistux l-elementi rikjesti tar-reat ta' ragion fattasi u cioé illi Camenzuli qatt ma kellha l-pussess materjali tal-art u li l-appellant ma fixkel lil hadd fil-pussess ta' hwejjgu. It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena fejn l-appellant qieghed jikkontendi illi din hija manifestament eccessiva.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju, l-unika raguni il ghala l-appellant jallega illi Carmela Camenzuli ma kinitx kredibbli hija illi hu xehed taht gurament illi ilu snin twal fil-pussess tar-raba' inkwistjoni u li Carmela Camenzuli qatt ma hadmet l-art. Evidentement l-ewwel Qorti ma kinitx tal-istess fehma meta tat piz lix-xhieda tal-kwerelanta li hija ukoll kienet tahdem l-art mal-genituri taghha u li ommha halliet sehemha lilha. Il-kwerelanta ghandha l-konfort ta' ircevuta mahruga mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern favur taghha ghall-art inkwistjoni. Zgur, kwindi illi ghal dawn l-ahhar erba' snin il-kwerelanta kellha l-pussess tal-art ghax ghandha dokument ufficcjali x'turi dwar il-pussess taghha. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

L-appellant qieghed jilmena ukoll illi ma jissussistux l-elementi rikjesti ta' ragion fattasi.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant korrettament irrifera ghall-elementi tar-reat ta' ragion fattasi kif ukoll imfissra fil-kawza fl-ismijiet "Il-pulizija versus Reno Micallef" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Gunju 1995 fejn qalet, "L-elementi kostitwivi tar-reat ta'ragion fattasi huma, kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna, erba', u cioé: (1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent illi hu qed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, "il codice penale per il regnio d'Italia interpretato" volume VI, pagna 749, "la persuasione di fare da se cio che dovrebbe farsi reclamando l'opera del magistrato."; u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Minn dawn l-elementi l-appellant jghid illi l-kwerelanta Camenzuli qatt ma kellha l-pussess materjali tal-ghalqa u ghalhekk l-appellant ma fixkel lil hadd fil-pussess ta' hwejjgu.

Ikkunsidrat:

Id-dokument a fol 25 juri bic-car illi l-kwerelanta ghandha titolu rikonoxxut ta' qbiela fuq l-art inkwistjoni u ma hemm l-ebda raguni il ghala din il-Qorti ghandha tiddubita x-xhieda taghha meta tghid illi hi kienet fil-pussess ta' din l-ghalqa dan iz-zmien kollu, ukoll hartitha u ghamlet iz-zergha f'xi zmien qabel il-Milied tal-elfejn u tlettax (2013). Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-kwerelanta ipprovat b'mod assodat illi dak iz-zmien kienet fil-pussess materjali tal-ghalqa inkwistjoni. Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru mhuwiex kontestat illi l-appellant dahal f'din l-ghalqa minghajr il-permess tal-kwerelanta, qala' l-wicc illi kien hemm, haratha u ghamel iz-zergha tieghu. Dan l-agir sar bl-oppozizzjoni espressa tal-kwerelanta li b'hekk giet spuljata mill-pussess ta' hwejjigha. L-appellant ghamel dak li ghamel ghax deherlu illi kellu xi dritt jaghmlu. Jaf illi dan id-dritt ghandu jiehdu minn Qorti kompetenti izda madankollu ried jaghmel ta' rasu u jinvadi dan il-pussess tal-kwerelanta.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi dawn l-erba' elementi tar-reat ta' ragion fattasi jissussistu f'dan il-kaz u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta sabet htija fil-konfront tal-appellant. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------